**69. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor Simon Busuttil, jipproponi:**

Din il-Kamra:

TAGĦRAF l-obbligu ta' kull Membru ta' din il-Kamra u ta' kull persuna oħra li sservi fil-ħajja pubblika li jġib ruħu skont l-ogħla livelli ta' mġieba xierqa u etika;

TIRRIKONOXXI li l-poplu Malti għandu d-dritt li jingħata rendikont tal-imġieba ta' kull membru ta' din il-Kamra li huwa fada bl-awtorità u r-responsabbilità fl-amministrazzjoni tal-pajjiż;

TISTQARR li kull Membru ta' din il-Kamra huwa onorevoli daqskemm l-imġieba tiegħu tkun onorabbli;

TINNOTA li l-Prim Ministru iddikjara li jidhirlu li wasal iż-żmien li l-Kodiċi ta' Etika diġà eżistenti għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jiġi rivedut, mingħajr indikazzjoni ċara tar-raġunijiet u l-oqsma li jidhirlu għandhom jiġu riveduti;

TINNOTA li seħħew każijiet fejn Ministri u Segretarji Parlamanetari ġew eżentati mill-Prim Ministru milli josservaw b'mod sħiħ il-Kodiċi ta' Etika applikabbli għalihom;

TINNOTA d-dubbji mqajjma fil-pubbliku dwar dikjarazzjonijiet magħmula mill-Ministri u s-Segretarji Parlamentari skont il-Kodici ta' Etika; U

TINNOTA wkoll id-dubbji mqajjma fil-pubbliku dwar l-ingaġġ ta' familjari ta' Ministri mal-Gvern.

GĦALHEKK din il-Kamra tirrisolvi li:

JINĦATAR Kummissarju għall-Imġieba Xierqa fil-Ħajja Pubblika, bħala uffiċjal tal-Parlament, bl-inkarigu li b'mod awtonomu u indipendenti, fost l-oħrajn:

- isaħħah u jippromwovi l-imġieba xierqa, msejsa fuq l-integrità, l-onestà, il-kontabbilità, l-objettività, it-trasparenza, ir-responsabbilità u tfittxija disinteressata tal-interess komuni, mill-Membri ta' din il-Kamra u minn kull min iservi fil-ħajja pubblika;

- jaġġorna, fejn meħtieġ, il-Kodiċi ta' Etika għar-rigward ta' persuni li jservu fil-ħajja pubblika, inkluż iżda mhux biss dawk għall-Membri tal-Kamra tad-Deputati, Ministri u Segretarji Parlamentari, Kunsilliera Lokali, impjegati fis-Settur Pubbliku u Diretturi ta' Bordijiet fis-Settur Pubbliku;

- isegwi u jirraporta lill-Parlament dwar l-osservanza ta' dawn il-Kodiċi;

- jagħmel rakkomandazzjonijiet u jagħti pariri lill-Kamra dwar l-imġieba ta' persuni fil-ħajja pubblika; u

- jieħu kull pass xieraq favur imġieba tal-ogħla livell minn kull persuna li sservi fil-ħajja pubblika.

JITWAQQAF, wara diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra, Kumitat Permanenti tal-Kamra għall-Imġieba Xierqa fil-Ħajja Pubblika, li jkun presedut mill-Ispeaker u b'rappreżentanza ugwali miż-żewġ naħat tal-Kamra, sabiex jassisti lill-Kummissarju għall-Imġieba Xierqa fil-Ħajja Pubblika, mingħajr ma jxekkel l-awtonomija u l-indipendenza tiegħu, u jippromwovi l-imġieba xierqa mill-Membri ta' din il-Kamra;

JINĦATAR Kumitat li jkun presedut mill-Ispeaker li jkun jinkludi żewġ persuni nominati minn naħa tal-Gvern u żewġ persuni oħra nominati minn naħa tal-Oppożizzjoni, sabiex sal-l5 ta' Diċembru 2013 iħejji rapport dwar it-twaqqif tal-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Imġieba Xierqa fil-Ħajja Pubblika u tal-Kumitat Permanenti tal-Kamra għall-Imġieba Xierqa fil-Ħajja Pubblika.

30.09.13